MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 236/2003

**Vodafone Malta Limited**
**vs**
**Bassam G.N. El Amani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' **mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu** (LM237.22) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99429257.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma pprezentax risposta.

Sema’ lill-Avv. Dr. Michael Grech jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ **mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (LM237.22)**, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------